

32006R1559

L 288/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.10.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1559/2006**tat-18 ta' Ottubru 2006****li jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' kwalità għal-lanġas Williams u Rocha fil-ġuleppi u/jew fil-meraq naturali tal-frott eliġibbli għall-iskema ta' għajjnuna għall-produzzjoni****(Verżjoni kkodifikata)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati¹, partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2319/89 tat-28 ta' Lulju 1989 fuq ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità għal-lanġas Williams u Rocha fil-ġulepp u s-sugu naturali tal-frott eliġibbli għall-iskema ta' għajjnuna għall-produzzjoni² ġie emendat sostanzjalment³. Għal aktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 stabbilixxa skema ta' għajjnuna għall-produzzjoni għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness I għal dan.
- (3) L-għan tar-rekwiżiti minimi ta' kwalità li jridu jiġu stabbiliti huwa li tiġi evitata l-produzzjoni ta' prodotti li għalihom m'hemmx domanda jew prodotti li jistgħu joħlqu distorsjoni fis-suq. Ir-rekwiżiti għandhom ikunu bbażati fuq proċeduri tradizzjonali u ġusti ta' manifattura.
- (4) Ir-rekwiżiti ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament jikkostitwixxu regoli oħra ta' applikazzjoni minbarra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2003 tad-29 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex jiġi

¹ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2004 (ĠU L 64, 2.3.2004, p. 25).

² ĠU L 220, 29.7.1989, p. 51. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 996/2001 (ĠU L 139, 23.5.2001, p. 9).

³ Ara l-Anness I.

applikat ir-Regolament (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema tal-għajnuna għall-prodotti ipproċessati mill-frott u l-ħxejjex tal-ikel⁴.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti Pproċessati mill-Frott u l-Ħxejjex tal-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti minimi ta' kwalità li magħhom għandhom jikkonformaw il-lanġas Williams u Rocha fil-ġulepp u l-lanġas tal-varjetà msemmija ppreżervati fil-meraq naturali tal-frott, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott', kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1535/2003.

Artikolu 2

Għall-manifattura ta' lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott, għandu jintuża biss il-lanġas tal-ispeċi *Pyrus communis* L., il-varjetajiet Williams u Rocha. Il-materjal nej għandu jkun frisk, tajjeb, nadif u adattat għall-ipproċessar.

Il-prodott mhux ipproċessat jista' jkun ġie mkessaħ qabel ma jintuża għall-fabbrikazzjoni tal-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott.

Artikolu 3

1. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott għandu jkun manifatturat f'wieħed mill-istili definiti fil-paragrafu 2.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istili qed ikunu definiti kif ġej:

- (a) 'frott sħiħ' tfisser il-frott sħiħ, bil-qalba u biz-zokk jew mingħajru;
- (b) 'nofsijiet' tfisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'żewġ partijiet bejn wieħed u ieħor indaqs;
- (c) 'kwartijiet' tfisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'erba' partijiet bejn wieħed u ieħor indaqs;
- (d) 'flieli' tfisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'iktar minn erba' partijiet forma ta' felli;
- (e) 'dadi' tfisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'partijiet forma ta' kubi.

⁴ ĠU L 218, 30.8.2003, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1663/2005 (ĠU L 267, 12.10.2005, p. 22).

3. Kull kontenitur bil-lanġas fil-ġulepp u/jew il-lanġas fil-meraq naturali tal-frott għandu jżomm fih biss stil wieħed u l-frott jew il-biċċiet hemmhekk għandhom ikunu prattikament ta' qies uniformi. L-ebda tip ieħor ta' frott ma jista' jinstab fil-kontenitur.

4. Il-kulur tal-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott għandu jkun karatteristiku għall-varjetà Williams u Rocha. Skulurazzjoni kemm kemm roża m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala difett. Il-lanġas fil-ġulepp li jkun fih ingredjenti speċjali għandu jiġi kkunsidrat ta' kulur karatteristiku jekk ma jkun hemm ebda skulurazzjoni mhux normali għall-ingredjenti użati.

5. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott għandu jkun ħieles minn materjali barranin ta' oriġini mhux veġetali u minn toġhmiet u rwejjaħ barranin. Il-frott għandu jkun imlaħħam u jista' jvarja fit-torija, imma la għandu jkun eċċessivament artab u lanqas eċċessivament iebes.

6. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott għandu jkun prattikament ħieles minn:

- (a) materjal barrani ta' oriġini veġetali;
- (b) qoxra;
- (c) unitajiet imtabba'.

Frott sħiħ, nofsijiet u kwartijiet għandhom ukoll ikunu prattikament ħieles minn unitajiet mekkanikament imħassra.

Artikolu 4

1. Il-frott, jew il-biċċiet tiegħu, għandhom jiġu kkunsidrati prattikament ta' qies uniformi meta, ġol-kontenitur, il-piż tal-akbar unità ma tkunx aktar mill-piż doppju tal-iċken unità.

Jekk ikun hemm inqas minn 20 unità ġol-kontenitur, unità waħda tista' tiġi injorata. Fl-istabilizzazzjoni tal-akbar u l-iċken unità, unitajiet imfarrka m'għandhomx ikunu kkunsidrati.

2. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott għandu jkun kompatibbli mal-Artikolu 3(6) meta t-tolleranzi li ġejjin ma jinqabżux:

	Stil	
	Sħaħ, nofsijiet u kwartijiet	Oħrajn
Unitajiet imtabba'	15 % bin-numru	1.5 kilogrammi
Unitajiet mekkanikament imħassra	10 % bin-numru	Mhux applikabbli
Qoxra	100 cm ² spazju aggregat	100 cm ² spazju aggregat
Materjal barrani ta' nisel veġetali:		

— Materjal fil-qalba	10 unitajiet	10 unitajiet
— Żerriegħa tal-lanġas mitluqa	80	80
— Materjal ieħor, inkluż il-materjal tal-qalba mitluq	60 biċċa	60 biċċa

It-tolleranzi aċċettati, barra minn dawk iffissati permezz ta' referenza għall-perċentwali skont in-numru, huma għal kull 10 kilogramm piż nett imsaffi.

Il-qlub m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala difett fi stili sħaħ bil-qalba.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2:

(a) 'unitajiet imtabba' tfisser frott bi skulurazzjoni fil-wiċċ jew tikek li jikkuntrastaw definittivament mal-kulur ġenerali u li jistgħu jippenetraw il-laħam, b'mod partikolari tbenġil, ġdim u skulurazzjoni skura;

(b) 'unitajiet mekkanikament imħassra' tfisser unitajiet li ġew maqsuma f'partijiet definittivi, u dawn l-istess biċċiet kollha kemm huma ekwivalenti għall-unità waħda sħiħa huma kkunsidrati bħala unità waħda jew unitajiet fejn il-qtugħ kien żejjed u jinkludi tħaffir serju fil-wiċċ tal-unitajiet li jnaqqas sostanzjalment mid-dehra;

(c) 'qoxra' tfisser kemm qoxra mwaħħla mal-laħam tal-lanġas u kemm qoxra misjuba mitluqa fil-kontenitur;

(d) 'materjal barrani ta' oriġini veġetali' tfisser materjali veġetali li huma rrilevanti għall-frotta nfisha jew li kienu mwarra waqt l-ipproċessar, b'mod partikolari, l-materjal tal-qalba, iż-żerriegħa tal-lanġas, zġuk u weraq u bċejjeċ bħal dawn. Il-qoxra għandha, madanakollu, tiġi eskluża;

(e) 'il-materjal tal-qalba' tfisser iċ-ċellola taż-żerriegħa jew partijiet hemmhekk imwaħħla mal-frotta jew le, biż-żerriegħa jew mingħajrha. Il-biċċiet tal-qalba huma kkunsidrati ekwivalenti għall-unità waħda meta, wara li ġew aggregati, il-biċċiet jittotalizzaw bejn wieħed u ieħor nofs qalba;

(f) 'żerriegħa tal-lanġas mitluqa' tfisser żerriegħa mhux inkluża fil-materjal tal-qalba imma li hi mitluqa fil-kontenitur.

Artikolu 5

1. Il-lanġas u l-ġulepp u/jew il-meraġ naturali tal-frott għandu jikkupa mill-inqas 90 % tal-kapaċità tal-ilma tal-kontenitur.

2. Il-piż nett imsaffi tal-frott għandu bħala medja jkun għall-inqas ekwivalenti għall-perċentwali segwenti tal-kapaċità tal-ilma, espressa fi grammi, tal-kontenitur:

Stil	Kontenitur b'kapaċità nominali tal-ilma ta'
------	---

	≥ 425 ml	< 425 ml
Sħaħ	50	46
Nofsijiet	54	46
Kwartijiet	56	46
Flieli	56	46
Dadi	56	50

3. Meta l-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott ikun ippakkjat f'kontenituri tal-ħġieġ, il-kapaċità tal-ilma għandha tiġi mnaqqsa b'20 ml qabel ma jiġu kkalkulati l-perċentwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Kull kontenitur għandu jiġi mmarkat b'referenza li tidentifika d-data u s-sena ta' produzzjoni u l-proċessur. L-immarkar, li jista' jkun taħt forma ta' kodiċi, għandu jiġi approvat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn isseħħ il-produzzjoni.

Dawn l-awtoritajiet jistgħu jadottaw provvedimenti oħra fejn jidħol l-immarkar innifsu.

Artikolu 6

Il-proċessur għandu kuljum f'intervalli regolari matul il-perjodu tal-ipproċessar jivverifika li l-lanġas fil-ġulepp u/jew fil-meraq naturali tal-frott jaqbel mar-reqwiziti biex jikkwalifika għall-ghajjnuna. Ir-riżultat tal-verifika għandu jinżamm.

Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 2319/89 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament revokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella korrelattiva fl-Anness II.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Ir-Regolament imħassar bl-emendi tiegħu	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2319/89 (ĠU L 220, 29.7.1989, p. 51)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/2001 (ĠU L 139, 23.5.2001, p. 9)	l-Artikolu 2 biss

ANNEX II

Tabella ta' korrelazzjoni	
Ir-Regolament (KEE) Nru 2319/89	Dan ir-Regolament
L-Artikoli 1 sa 4	L-Artikoli 1 sa 4
L-Artikolu 5(1), (2) u (3)	L-Artikolu 5(1), (2) u (3)
L-Artikolu 5(4), l-ewwel sentenza	L-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza
L-Artikolu 5(4), it-tieni sentenza, l-ewwel parti	L-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza
L-Artikolu 5(4), it-tieni sentenza, it-tieni parti	L-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
L-Artikolu 7	—
—	L-Artikolu 7
L-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu	L-Artikolu 8
L-Artikolu 8, it-tieni paragrafu	—
—	L-Anness I
—	L-Anness II